

**Brussell, 5 ta' Novembru 2021
(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0342(COD)**

**13246/21
ADD 6**

**EF 319
ECOFIN 1029
CODEC 1375**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Ottubru 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 664 final
Suġġett:	ANNEX tal- Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu fir-rigward ta' rekwiżiti għar-riskju ta' kreditu, għar-riskju ta' aġġustament tal-valwazzjoni tal-kreditu, għar-riskju operattiv, għar-riskju tas-suq u għall-minimu tal-output

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2021) 664 final.

Mehmuż: COM(2021) 664 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.10.2021
COM(2021) 664 final

ANNEX

ANNEX

tal-

Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu fir-rigward ta' rekwiżiti għar-riskju ta' kreditu, għar-riskju ta' aġġustament tal-valwazzjoni tal-kreditu, għar-riskju operattiv, għar-riskju tas-suq u għall-minimu tal-output

ANNESS

Klassifikazzjoni ta' Entrati li ma Jidhrux fil-Karta Bilanċjali

Kategorija	Entrati
1	<ul style="list-style-type: none">• Garanziji ġenerali ta' dejn, inklużi ittri ta' kreditu pendenti li jservu bħala garanziji finanzjarji għal self u titoli, u aċċettazzjonijiet, inklużi approvazzjonijiet bil-karattru ta' aċċettazzjonijiet, kif ukoll [kwalunkwe] sostitut ta' kreditu dirett ieħor;• Ftehim ta' bejgħ u xiri mill-ġdid u bejgħ ta' assi b'rikors meta ir-riskju ta' kreditu jibqa' f'idejn l-istituzzjoni;• Titoli mislufa mill-istituzzjoni jew titoli depożitati mill-istituzzjoni bħala kollateral, inklużi każi li fihom dawn jirriżultaw minn tranżazzjonijiet tat-tip mitmuma sa żmien determinat;• Xiri ta' assi bil-quddiem, depożiti forward u ishma u titoli mħallsin parzjalment, li jirrappreżentaw impenji b'ċertu għid ta' kreditu;• Entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali li jikkostitwixxu sostitut ta' kreditu fejn mhumiex inklużi b'mod espliċitu f'xi kategorija oħra.• Entrati oħra li ma jidhrux fil-karta bilanċjali li għandhom riskju simili u kif ikkomunikati lill-EBA.
2	<ul style="list-style-type: none">• Faċilitajiet ta' ħruġ ta' noti (note issuance facilities, NIFs) u faċilitajiet ta' sottoskrizzjoni rotanti (revolving underwriting facilities, RUFs) irrispettivament mill-maturità tal-faċilità sottostanti;• Bonds ta' prestazzjoni, bonds tal-offerta, garanziji u ittri ta' kreditu pendenti relatati ma' tranżazzjonijiet partikolari u entrati kontinġenti relatati ma' tranżazzjonijiet simili;• Entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali li ma jikkostitwixxux sostitut ta' kreditu fejn mhumiex inklużi b'mod espliċitu f'xi kategorija oħra.• Entrati oħra li ma jidhrux fil-karta bilanċjali li għandhom riskju simili, kif ikkomunikati lill-EBA.
3	<ul style="list-style-type: none">• Impenji, irrispettivament mill-maturità tal-faċilità sottostanti, sakemm ma jaqgħux taħt kategorija oħra;• Entrati oħra li ma jidhrux fil-karta bilanċjali li għandhom riskju simili, kif ikkomunikati lill-EBA.
4	<ul style="list-style-type: none">• Ittri kummerċjali ta' kreditu għal żmien qasir u awtolikwidanti li jirriżultaw mill-moviment ta' merkanzija, b'mod partikolari dokumenti ta' krediti kollateralizzati mill-konsenja sottostanti, fil-każ ta' istituzzjoni emittenti jew istituzzjoni li tikkonferma;• Entrati oħra li ma jidhrux fil-karta bilanċjali li għandhom riskju simili, kif ikkomunikati lill-EBA.
5	<ul style="list-style-type: none">• Impenji kanċellabbli mingħajr kundizzjonijiet;• L-ammont mhux prelevat ta' linji ta' kreditu għall-bejgħ bl-imnut li għalihom it-termini jippermettu lill-istituzzjoni tikkancellahom sal-limitu massimu permess skont il-protezzjoni tal-konsumatur u l-leġiżlazzjoni relatata;• Faċilitajiet ta' kreditu mhux prelevat għal garanziji tal-offerti u l-prestazzjoni li jistgħu jiġu kkanċellati mingħajr kondizzjoni fi kwalunkwe ħin mingħajr avviż minn qabel, jew li effettivament jipprovdu għall-kanċellazzjoni awtomatika minħabba deterjorament tal-kwalità tal-kreditu tad-debitur;• Entrati oħra li ma jidhrux fil-karta bilanċjali li għandhom riskju simili, kif ikkomunikati lill-EBA.